MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Numru. 520/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**Vs**

**Keith Genovese ta’ 31 sena iben Joseph u Josephine xebba Vella imwieled H’Attard fl-24 ta’ Awissu 1975 u joqghod no.18, “Josvil”, Triq Tjieba, Zurrieq u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 418475(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Keith Genovese akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-18 ta’ Jannar 2007, u fix-xhur ta’ qabel din id-data, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gbidt jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recordings jew xbihat elettronici indicenti li juru persuni taht l-eta’ li ma kenux ghalqu id-disa snin.

Rat d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat, liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat ir-rapport imhejji mill-Probation Officer

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-provi migjuba quddiem il-Qorti, kif ukoll fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni ir-rapport imhejji mill-Probation Officer Carmen Borg kif meghjuna mill-esperti nominati mill-Qorti Dr. Dorothy Scicluna u Dr. Joseph Spiteri fejn gie indikat b’mod car il-problemi li ghandu l-imputat, fosthom problema ta’pedofelija serja, kif ukoll in-nuqqas ta’ interess illi huwa qieghed juri sabiex jeghleb dawn il-problemi. Illi il-fedina penali ta’l-imputat hija wahda nadifa u huwa ikkollabora mal-pulizija u ammetta ir-reat kommess minnu. Madankollu, il-Qorti ma tistax tinjora il-gravita ta’ dana il-kaz fejn hemm involuti minorenni u ir-riskju illi l-imputat ma jirrejalizzax illi dak illi ghamel kien hazin.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 18, 31 u 208A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-

akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkudnannah ghal perijodu ta’ hames xhur prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------